MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2012

Numru. 494/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**VS**

**ANTHONY CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Cutajar, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 624461 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta` Dicembru, 2012, u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga Kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta` l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta` persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta` Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G. N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta` Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta` awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta` l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta` l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta` l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta` l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-artiklu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

e) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

f) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta` mitt metru mill-parametru ta` skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

g) U aktar talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta` nhar il-5 ta` Mejju, 2009, mill-Magistrat Dott. D. Clarke, LL.D., u dik ta` nhar is-26 ta` Mejju, 2011, moghtija mill-Magistrat Dott. D. Clarke, LL.D., liema decizjoni saret definittiva;

h) U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-24 ta` Mejju, 2012, moghtija mill-Magistrat Dott. F. Depasquale, LL.D., liema decizjonijiet saru definittivi;

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta` htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta` l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat Anthony Cutajar;

Wara li l-Qorti rat ir-regolament tal-G.N. 292/1939, il-Kapitolu 101 espresament l-Artikolu (a), (d), 8 (a) u 22 (2), rat il-Kapitolu 31 u L.N. 22/1985 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Li l-ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ma thalli ebda alternattiva ohra ghal din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat;

Illi wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet li minnha l-Qorti hadet in konsiderazzjoni:

a) Il-fedina penali tal-imputat;

b) L-ammissjoni bikrija tieghu;

c) Il-fatt illi huwa ma ghandux il-vizzju tad-droga;

Il-Qorti temmen li piena ezekuttiva hija necessarja.

Ghaldaqstant, din il-Qorti waqt illi ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` 48 xahar kif ukoll ghal hlas ta` multa ta` elf ewro (€1,000) li ghandhom jithallsu fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti qed tordna li d-droga esebita tigi distrutta taht is-supervizzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jitpogga f'ambjent adekwat u dan wara harsa lejn il-fedina penali tal-istess imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------